MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 57/2012

**Il-Pulizija**
**(Supt. Stephen Gatt)**
**Vs**
**Omissis**
**Brandon Cauchi**
**Karl Cauchi**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Brandon Cauchi (ID no. 92294 (M)) u l-appellant Karl Cauchi (ID no. 365592 (M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Novembru 2011 ghall-habta ta' 2.30 hrs gewwa Triq Wilga, San Giljan, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Jannar, 2012, li biha wara

li rat l-artikolu 338DD tal-Kap. 9 sabet lill-appellanti hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom amenda ta’ telin Ewro (€30) kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata, u fi kwalunkwe kaz tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-
Brandon Cauchi u Karl Cauchi allavolja din hija kwistjoni ta’ ammont mhux kbir hassewhom parti leza b’dawn il-proceduri illi stranament il-prosekuzzjoni ressqet lil Karim u lil Ryan Cardona fl-istess akkuza maghhom. Brandon Cauchi u Karl Cauchi fil-fatt ma kienux wehidhom ghaliex kien hemm maghhom zijuhom Justin Cauchi li sahansitra tela` biex jixhed.

Vera li l-kawzi huma sommarji pero` l-ikbar kawza ta’ bniedem hija dik li f’ghajnejn haddiehor tidher l-izghar wahda. Ghal Brandon Cauchi, Karl Cauchi u ghal ommhom u missierhom, dawn hassewhom illi flok saret gustizzja maghhom meta gew aggrediti minn klikka, sabu ruhhom akkuzati bl-istess mod, ma fethux halqhom u kkundannati. Huma ma wiegbu xejn u s-skiet taghhom ittiehed bhala ammissjoni. Kienu qed jammettu t-tnejn l-ohra.

Illi fil-fatt dan ir-reat huma ma wettquhx u l-procedura li giet segwita ma kinitx korretta imma dak ili qieghed jinghad.

It-tnejn l-ohra kellhom kull interess illi jammettu ghaliex fil-fatt din il-klikka li kienet ta’ xi ghaxra min-nies attakkaw mhux biss lil Cauchi imma meta interveniet il-pulizija, lil wiehed minnhom waddbuh mal-art u sahansitra sofra feriti

fuq il-persuna tieghu. L-appellanti allahares ma gewx il-pulizija u ntervenew ghax kienu jitkissru.

Ikkonsidrat

Dawn iż-żewġ appellanti qed jitolbu t-tħassir tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Karim-Slim Safta et' fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Fis-sentenza hemm din il-motivazzjoni:

*'Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputati, rat l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9; Invista tal-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti qed issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom; u tikkunndanhom amenda ta' tletin Ewro kull wieħed.'*

Min-naħa l-oħra fil-verbal tal-istess seduta (a fol 2) insibu hekk:

*'Dehru l-imputati kollha.*

*Deher Dr.Edward Gatt għall-imputati Karim-Slim Safta u Ryan Cardona.*

*Karl Cauchi u Brandon Cauchi iddikjaraw illi ma kienx hemm bżonn li jkunu assistiti.*

*Inqrat l-akkuża u l-imputati jwieġbu ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom.*

*Aktar tard deher Dr.Brincat għall-imputati Brandon Cauchi u Karl Cauchi.'*

Mill-atti jirriżulta li l-appellanti talbu s-sospensjoni tas-sentenza dak in-nhar stess.

Fit-trattazzjoni l-abbli avukat difensur issottometta li l-avukat l-ieħor talab li tingħajjat il-kawża u kollha ammettew. Dawn iż-żgħażagħ ma ġġildux huma u ma ridux li jkollhom il-kondotta mtebbgħa. Huwa ssottometta

wkoll li sakemm deher hu kienet diġa' deċiża l-kawża. **Huwa kien qal lill-appellanti sabiex qabel ikun preżenti hu ma jitkellmux**.

Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-verbal huwa ċar – li l-appellanti qalu li ma jkunx hemm bżonn li jkunu assistiti.

Ikkonsidrat

Illi fil-fehma tal-Qorti jirriżulta mill-verbal li l-appellanti ma nsistewx li jkunu assistiti minn avukat. Legalment kull persuna hija libera li tiddefendi lilha nnifisha jew inkella titlob li jkun hemm avukat preżenti biex jgħinha. Saħansitra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jagħti din ix-xelta:

'6. (3)(c)'To defend himself in person or through legal assistance of his own choosing'

U l-Kostituzzjoni għandha provvediment simili:

'39(6)(ċ) shall be permitted to defend himself in person or by a legal representative'.

Dawn il-persuni għażlu li ma jkunux assistiti minn avukat, u, skont il-verbal, huma ammettew l-akkuża kontra tagħhom.

Skont ġurisprudenza kostanti:

'Fuq ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti ma tistax ħlief tgħaddi għall-kundanna tiegħu sakemm ma jirriżultax li l-akkużat ma jkunx fehem in-natura tal-akkuża jew li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jammetti, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skont il-Liġi tikkundannah.'[1]

---

[1] Ara: Il-Pulizija versus Louis Mallia et 15 ta' Settembru 199 Qorti tal-Appell Kriminali Vol LXXXIII part IV paġina 409 li ċċitat b'approvazzjoni l-każ 'Il-Puliziaj vs George Cassar Desain tas-27 t'Ottubru 1962.

Dan kien każ ta' imputazzjoni waħda u din ma kinitx xi waħda kkumplikata. Skont ma qal l-avukat difensur, hu kien widdeb liż-żewġ appellanti biex ma jitkellmux qabel ikun preżenti hu.  Iżda huma għażlu li ma jimxux ma' dan il-parir siewi.

**Konklużjoni**

Wara li kkonsidrat tajjeb il-verbal a fol 2, dak li jgħidu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-għażla li għandha persuna kif tiddefendi ruħha u d-duttrina fuq l-ammissjonijiet kif riflessa fil-każistika Maltija, il-Qorti mhix qed tilqa' dan l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtja fl-ismijiet premessi tat-2 ta' Frar 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------